MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 75

13 ta' Awwissu, 2018

Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Max Zammit – Sindku
Ronald Portelli – Viċi Sindku
Eugenio Muscat – Kunsillier
Frank Roe - Kunsillier
Louise Cachia Castelletti – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv

Local Government of Ta' Xbiex, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 75.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**75.1.1** **Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

### 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**75.2.1** **Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

### 75.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti;

**75.3.1** **Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier E Muscat issekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

### 75.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**75.4.1** **Is-Sindku Max Zammit qal li din ħa tkun l-aħħar laqgħa ta' Clayton Xuereb bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Ta' Xbiex. Huwa irringrazzjah tax-xogħol li għamel u awguralu għal futur tiegħu.**

### 75.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**75.5.1** **Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsilliera.**

### 75.6 *Computer Laboratory* u Librerija;

**75.6.1** **Is-Sindku Max Zammit qal li l-kunsill għandu jiddiskuti l-idea ġenerali jekk għandux jiġi mikri l-*computer lab* biex kif kien diskuss fil-laqgha 74, il-kunsill jibda jdaħħal ammont ta' flus. Huwa qal li huwa ħa jara li l-mekkaniżmu tal-kirja tkun konformi mar-regoli tal-Kunsilli Lokali.**

**Ivvutaw Favur tlett Kunsilliera (3) preżenti. Tnejn (2) ivvutaw kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni. Is-Sindku Max Zammit, il-Viċi Sindku R Portelli u l-kunsillier F Roe qablu li dan l-ispazju jinkera ħalli l-kunsill ikollu sors ta' dħul ieħor. Huma qalu wkoll li l-funzjoni tal-*computer lab* ħa tiġi assorbita fil-librerija minħabba l-investiment li huwa ippjanat. Il-Kunsilliera E Muscat u L Cachia Castelletti ivvutaw kontra għax ma jixtiequx li dan l-ispazju ma jibqgħax għal użu tar-residenti ġewwa Ta' Xbiex u għax jemmnu li l-mekkaniżmu kif ħa jiġi mikri dan l-ispazju għadu mhux ċar.**

**Il-mozzjoni ġiet approvata.**

## 75.7 Aġġudikazzjoni tat- *tenders*;

**75.7.1 Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq id-dokument tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni għat-*tender EMBELLISHMENT TO LANDSCAPING AREAS AT SITE OFF* TRIQ ABATE RIGORD AND TRIQ IL-ĦALĠ, TA' XBIEX TXLC02/2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku Max Zammit ressaq mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord fl-għoti tal-Offerta. Il-Viċi-Sindku R Portelli issekonda.**

**Ivvutaw Favur Ħames Kunsilliera (5) preżenti. ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni. Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

## 75.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**75.8.1 Ma kienx hemm *items* oħra ta' xogħol**

## 75.9 Rapporti mill-Kunsilliera;

**75.9.1 Ma kienx hemm rapporti mill-kunsilliera.**

## 75.10 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tlieta 16 ta' Ottubru, 2018 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**75.10.1 Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum it-Tnejn 13 ta' Awwissu 2018.**

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Max Zammit**
**Sindku**

**Clayton Xuereb**
**Segretarju Eżekuttiv**